32006R1031

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1031/2006

ta' l-4 ta' Ġunju 2006

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu [1]

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni.

(2) Skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 jinħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni biex tiġi ddeterminata d-*data* li trid tiġi pprovduta għat-tħejjija ta' l-istatistika ddefinita fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tagħha.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [2],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-*data* li trid tiġi trażmessa għall-produzzjoni ta' l-istatistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni kif stipulat fl-Artikoli 3(2) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tkun kif hemm speċifikat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.

[2] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

ANNESS I

Modulu 1: L-impriżi u s-soċjetà ta' l-informazzjoni

1. **IS-SUĠĠETTI U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM**

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2007, magħżula mil-lista fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma dawn li ġejjin:

— Sistemi ta' l-ICT u l-użu tagħhom fl-impriżi;

— L-użu ta' l-Internet u netwerks oħrajn elettroniċi mill-impriżi;

— proċessi e-Kummerċ u e-Negozju;

— Kompetenza fl-ICT fl-unità ta' impriża u d-domanda għall-ħiliet fl-ICT.

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin marbuta ma' l-impriżi:

Sistemi ta' l-ICT u l-użu tagħhom fl-impriżi;

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi kollha:

— L-użu tal-kompjuter

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li jużaw il-kompjuters:

— (Mhux obbligatorju) Perċentwali ta' persuni impjegati li jużaw il-kompjuters ta' l-anqas darba fil-ġimgħa.

— L-eżistenza tal-LAN mingħajr wajers

— L-eżistenza tal-LAN ibbażat fuq il-wajers

— L-eżistenza ta' l-Intranet

— L-eżistenza ta' l-Extranet

— L-eżistenza ta' sistema ta' l-IT li tamministra t-tqegħid u/jew ir-riċezzjoni ta' l-ordnijiet

Karatteristiċi li jridu jinġabru għal impriżi li għandhom sistema ta' l-IT li tamministra t-tqegħid u/jew ir-riċezzjoni ta' l-ordnijiet:

— Sistema ta' l-IT litamministra l-ordnijiet marbuta ma' sistema interna għal ordnijiet mill-ġdid ta' provvisti ġodda

— Sistema ta' l-IT li tamministra l-ordnijiet marbuta ma' sistemi ta' fatturazzjoni u pagament

— Sistema ta' l-IT li tamministra ta' l-ordnijiet marbuta ma' sistema ta' amministrazzjoni ta' operazzjonijiet ta' produzzjoni, loġistika jew servizz

— Sistema ta' l-IT li tamministra l-ordnijiet marbuta mas-sistemi kummerċjali tal-forniturі

— Sistema ta' l-IT li tamministra l-ordnijiet marbuta mas-sistemi kummerċjali tal-klijenti

L-użu ta' l-Internet u netwerks oħrajn elettroniċi mill-impriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li jużaw il-kompjuters:

— Aċċess għall-Internet

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li għandhom aċċess għall-Internet:

— Perċentwali ta' persuni impjegati li jużaw kompjuters li għandhom il-World Wide Web ta' l-anqas darba f'ġimgħa

— Konnessjoni ma' l-Internet: Modem tradizzjonali

— Konnessjoni ma' l-Internet: ISDN

— Konnessjoni ma' l-Internet: DSL

— Konnessjoni ma' l-Internet: Konnessjoni fissa oħrama' l-Internet

— Konnessjoni ma' l-Internet: Konnessjoni mowbajl

— Użu ta' l-internet għal servizzi bankarji u finanzjarji

— Użu ta' l-internet għat-taħriġ u l-edukazzjoni

— Użu ta' l-internet għall-monitoraġġ tas-swieq

— Użu ta' l-internet f'interazzjoni ma' l-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Eżistenza ta' websajt proprja

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li interaġixxew ma' awtoritajiet pubbliċi permezz ta' l-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel:

— Użu ta' l-internet għal ksib ta' tagħrif mill-websajts ta' l-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Użu ta' l-internet għal ksib ta' formoli mill-websajts ta' l-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Użu ta' l-internet biex jintbagħtu lura l-formoli mimlija lill-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Użu ta' l-internet biex jintbagħtu l-proposti f'sistema elettronika ta' offerti (kuntratti pubbliċi b'mod elettroniku), fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li għandhom websajt:

— Websajt għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tagħhom stess

— Websajt biex jiġi aġevolat l-aċċess għal katalgi u listi ta' prezzijiet

— Websajt biex tiġi pprovduta għajnuna ta' wara l-bejgħ

Proċessi e-Kummerċ u e-Negozju

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li jużaw il-kompjuters:

— Użu ta' softwer ERP

— Użu ta' softwer CRM għall-ħażna, l-ipproċessar u l-analiżi ta' l-informazzjoni dwar il-klijenti

— Użu ta' softwer CRM għat-tfittxija tad-*data*

— Adozzjoni fuq livell ta' sistema operattiva ta' Sorsi bla ħlas/miftuħin

— Użu ta' fatturi elettroniċi biex jintbagħtu

— Użu ta' fatturi elettroniċi għal min jirċevihom

— Użu ta' firem elettroniċi avvanzati (firem diġitali)

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li għandhom aċċess għall-Internet, u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1:

— Ordnaw permezz ta' l-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Irċevew ordnijiet permezz ta' l-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li ordnaw permezz ta' l-Internet, u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1:

— Perċentwali ta' xiri totali li jirriżulta minn ordnijiet magħmula permezz ta' l-Internet, fi klassijiet ta' perċentwali, fis-sena kalendarja ta' qabel ([0;1[, [1;5[, [5;10[, [10;25[, [25;100])

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li ordnaw permezz ta' l-Internet, u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1:

— Perċentwali tal-fatturat totali li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' l-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Użu ta' protokolli ta' sigurtà (SSL/TLS) fl-ordnijiet li jaslu permezz ta' l-Internet

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li jużaw il-kompjuters, u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1:

— Ordnaw permezz ta' netwerks elettroniċi għajr għall-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Irċevew ordnijiet permezz ta' netwerks elettroniċi għajr għall-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li ordnaw permezz ta' netwerks elettroniċi għajr għall-Internet, u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1:

— Perċentwali ta' xiri totali li jirriżulta minn ordnijiet magħmula permezz tan-netwerks elettroniċi għajr għall-Internet, fi klassijiet ta' perċentwali, fis-sena kalendarja ta' qabel ([0;1[, [1;25[, [25;50[, [50;75[, [75;100])

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-impriżi li rċevew ordnijiet permezz ta' netwerks elettroniċi għajr għall-Internet, u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1:

— Perċentwali tal-fatturat totali li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' netwerks elettroniċi għajr għall-Internet, fis-sena kalendarja ta' qabel

Kompetenza fl-ICT fl-unità ta' impriża u d-domanda għall-ħiliet fl-ICT.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li jużaw il-kompjuters:

— Impjieg ta' speċjalisti ta' l-ICT/IT

— Ingaġġaw jew ippruvaw jingaġġaw nies għal impjiegi li jeħtieġu ħiliet ta' speċjalisti fl-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Ingaġġaw jew ippruvaw jingaġġaw nies għal impjiegi li jeħtieġu ħiliet ta' l-utent fl-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Ipprovdew taħriġ biex jiżviluppaw jew jaġġornaw il-ħiliet ta' speċjalisti fl-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Ipprovdew taħriġ biex jiżviluppaw jew jaġġornaw il-ħiliet ta' utent fl-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Eżistenza ta' fornituri barranin biex iwettqu funzjonijiet ta' l-ICT li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Eżistenza ta' fornituri minn affiljati barranin stabbiliti mill-impriża biex iwettqu funzjonijiet ta' l-ICT li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Eżistenza ta' fornituri barranin biex iwettqu funzjonijiet ta' l-ICT li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— (Mhux obbligatorju) Eżistenza ta' fornituri barranin biex iwettqu funzjonijiet ta' negozju li jeħtieġu nies li jużaw l-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— (Mhux obbligatorju) Eżistenza ta' fornituri minn affiljati barranin stabbiliti mill-impriża biex iwettqu funzjonijiet ta' negozju li jeħtieġu nies li jużaw l-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

— (Mhux obbligatorju) Eżistenza ta' fornituri minn impriżi barranin oħrajn biex iwettqu funzjonijiet ta' negozju li jeħtieġu nies li jużaw l-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li jimpjegaw speċjalisti fl-ICT/IT:

— Perċentwali ta' speċjalisti fl-ICT/IT impjegati mqabbla ma' l-għadd totali ta' persuni impjegati

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li ingaġġaw jew ippruvaw jingaġġaw speċjalisti fl-ICT/IT:

— Eżistenza ta' postijiet tax-xogħol li jdumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li ingaġġaw jew ippruvaw jingaġġaw nies għal impjiegi li jeħtieġu ħiliet fl-użu ta' l-ICT:

— Eżistenza ta' postijiet tax-xogħol li jdumu biex jimtlew minħabba nuqqas ta' ħiliet ta' l-applikanti fl-użu ta' l-ICT, fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li ingaġġaw fornituri barranin biex iwettqu funzjonijiet ta' l-ICT:

— Ingaġġaw speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin minn Stati Membri oħra ta' l-UE, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Ingaġġaw speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin minn pajjiżi li mhumiex fl-UE, fis-sena kalendarja ta' qabel

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' l-ICT imwettqa minn speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: Amministrazzjoni ta' l-ICT

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' l-ICT imwettqa minn speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: Żvilupp u implimentazzjoni ta' l-ICT

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' l-ICT imwettqa minn speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: Operazzjonijiet ta' l-ICT

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' l-ICT imwettqa minn speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: oħrajn

(Mhux obbligatorju) Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-impriżi li ingaġġaw fornituri barranin biex iwettqu funzjonijiet ta' negozju:

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' negozju mwettqa minn utenti ta' l-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: Bejgħ u *marketing*, servizzi għall-klijenti

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' negozju mwettqa minn utenti ta' l-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: Riċerka u żvilupp, disinn u inġenjerija tal-prodott

— (Mhux obbligatorju) funzjoni ta' negozju mwettqa minn utenti ta' l-ICT/IT ta' fornituri barranin, fis-sena kalendarja ta' qabel: funzjonijiet oħra ta' negozju (mhux-ICT)

— (Mhux obbligatorju) Ingaġġaw speċjalisti fl-ICT/IT ta' fornituri barranin minn Stati Membri oħra ta' l-UE, fis-sena kalendarja ta' qabel

— (Mhux obbligatorju) Ingaġġaw speċjalisti fl-ICT ta' fornituri barranin minn pajjiżi oħra mhux fl-UE, fis-sena kalendarja ta' qabel.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-impriżi li għandhom postijiet tax-xogħol li jdumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT:

— Raġunijiet għalfejn postijiet tax-xogħol idumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel: nuqqas ta' applikanti jew għadd baxx

— Raġunijiet għalfejn postijiet tax-xogħol idumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel: nuqqas ta' kwalifiki

— Raġunijiet għalfejn postijiet tax-xogħol idumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel: nuqqas ta' esperjenza ta' xogħol

— Raġunijiet għalfejn postijiet tax-xogħol idumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel: talbiet ta' salarju għoljin wisq

— (Mhux obbligatorju) Raġunijiet għalfejn postijiet tax-xogħol idumu biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu speċjalisti fl-ICT/IT, fis-sena kalendarja ta' qabel: oħrajn

(ċ) Il-karatteristiċi li ġejjin dwar l-isfond ta' l-impriża għandhom jingħabru jew jinkisbu minn sorsi alternattivi:

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-impriżi kollha:

— Attività ekonomika prinċipali ta' l-impriża, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Medja ta' persuni impjegati, fis-sena kalendarja ta' qabel

— Il-lok f'termini ta' reġjun ta' l-Objettiv1/mhux Objettiv 1, fis-sena kalendarja ta' qabel

Karatteristiċi li jridu jingħabru għall-impriżi li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima J tan-NACE Rev. 1.1.

— Xiri totali ta' prodotti u servizzi (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja ta' qabel

— Fatturat totali (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja ta' qabel

2. **KOPERTURA**

Il-karatteristiċi definiti fl-intestaturi 1(b) u 1(ċ) ta' dan l-Anness għandhom jinġabru u jinkisbu għall-impriżi kklassifikati taħt l-attivitajiet ekonomiċi li ġejjin, tad-daqs ta' impriża li ġej u l-firxa ġeografika li ġejja.

(a) Attività ekonomika: impriżi kklasifikati fil-kategoriji li ġejjin tan-NACE-Rev. 1.1:

Kategorija NACE	Deskrizzjoni
Taqsima D	"Manifattura"
Taqsima F	"Bini"
Taqsima G	"Bejgħ bil-grossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u oġġetti personali u tad-dar"
Gruppi 55.1 u 55.2	"Lukandi" u "*Camping sites* u servizzi oħra ta' akkomodazzjoni għal qasir żmien"
Taqsima I	"Trasport, ħażna u komunikazzjoni"
Klassi 65.12	"Intermedjazzjoni monetarja xortoħra"
Klassi 65.22	"Għoti ta' kredtu xortoħra"
Klassi 66.01	"Assikurazzjoni fuq il-ħajja"
Klassi 66.03	"Assikurazzjoni mhux fuq il-ħajja"
Taqsima K	"Bejgħ ta' proprjetà, kiri u attivitajiet ta' negozju"
Gruppi 92.1 u 92.2	"Attivitajiet ċinematografiċi u ta' vidjo" u "Attivitajiet tar-radju u tat-televiżjoni"

Impriżi kklasifikati fil-kategoriji li ġejjin tan-NACE-Rev. 1.1 għandhom jiġu koperti b'mod mhux obbligatorju:

Kategorija NACE	Deskrizzjoni
Taqsima E	"Provvista ta' l-elettriku, gass u ilma"
Gruppi 55.3, 55.4 u 55.5	"Ristoranti", "Ħwienet tax-xorb" u "*Canteens* u *catering*"
Gruppi 92.3 sa 92.7 inklużiv	"Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi", għajr għal "Attivitajiet ċinematografiċi u ta' vidjo" u "Attivitajiet tar-radju u tat-televiżjoni"
Diviżjoni 93	"Attivitajiet ta' servizz oħrajn"
Klassijiet 67.12, 67.13, 67.2	"Attivitajiet awżiljarji għall-intermedjazzjoni finanzjarja", għajr għal "Amministrazzjoni ta' swieq finanzjarji"

(b) Daqs ta' l-impriża: impriżi b'10 persuni impjegati jew aktar; impriżi b'anqas minn 10 persuni impjegati għandhom jiġu koperti b'mod mhux obbligatorju

(ċ) Ambitu ġeografiku: impriżi li jinsabu fi kwalunkwe parti tat-territorju ta' l-Istat Membru

3. **PERJODI TA' REFERENZA**

Il-perjodu ta' referenza hija s-sena 2006 għall-karatteristiċi li jirreferu għas-sena kalendarja ta' qabel. Il-perjodu ta' referenza huwa Jannar 2007 għall-karatteristiċi l-oħra.

4. **TQASSIM**

Is-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness għandhom jiġu pprovduti b'mod separat bit-tqassim li ġej.

(a) Analiżi ta' l-attività ekonomika: Id-*data* għandha tiġi mqassma skond l-aggregati NACE Rev. 1,1 li ġejjin.

Aggregazzjoni NACE
DA + DB + DC + DD + DE
DF + DG + DH
DI + DJ
DK + DL + DM + DN
F
50
51
52
55.1 + 55.2
60 + 61 + 62 + 63
64
65.12 + 65.22
66.01 + 66.03
72
70 + 71 + 73 + 74
92.1 + 92.2
(Mhux obbligatorju) 22
(Mhux obbligatorju) 40+41
(Mhux obbligatorju) 55.3+55.4+55.5
(Mhux obbligatorju) 67.12+67.13+67.2
(Mhux obbligatorju) 92.3 sa 92.7
(Mhux obbligatorju) 93

(b) Analiżi tad-daqs tal-klassi: Id-*data* għandha tiġi mqassma bid-daqs tal-klassijiet li ġejjin ta' l-għadd ta' persuni impjegati.

Daqs tal-Klassi
(Mhux obbligatorju) Anqas minn 10 persuni impjegati
(Mhux obbligatorju) Anqas minn 5 persuni impjegati
(Mhux obbligatorju) Minn 5 sa 9 persuni impjegati
10 persuni impjegati jew aktar
10 sa 49 persuna impjegata
50 sa 249 persuna impjegata
250 persuna impjegata jew aktar

(ċ) Analiżi ġeografika: Id-*data* għandha tiġi mqassma bil-gruppi reġjonali li ġejjin:

Grupp Reġjonali
Reġjuni Objettiv 1 (inklużi reġjuni Objettiv 1 tranżitorju jew ta' tneħħija gradwali)
reġjuni mhux ta' Objettiv 1

5. **PERJODIĊITÀ**

Id-*data* għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2007.

6. **SKADENZI**

(a) Id-*data* aggregata, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jintbagħtu lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2007. Sa dik id-data, il-ġabra ta' *data* għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jkun skond l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Eurostat.

(b) Il-*metadata* msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jintbagħtu lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2007. Il-*metadata* għandha tkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovdut mill-Eurostat.

(ċ) Ir-rapport dwar il-kwalità msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jintbagħat lill-Eurostat sal-5 ta' Novembru 2007. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovdut mill-Eurostat.

ANNESS II

Modulu 2: Individwi, familji u s-soċjetà ta' l-informazzjoni

1. **IS-SUĠĠETTI U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM**

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2007, magħżula mil-lista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma dawn li ġejjin:

— aċċess u użu tas-sistemi ta' l-ICT minn individwi u/jew fil-familji,

— użu ta' l-Internet għal għanijiet differenti minn individwi u/jew fil-familji

— Sigurtà fl-ICT,

— kompetenza fl-ICT,

— xkiel għall-użu ta' l-ICT u l-Internet.

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin:

Aċċess u użu tas-sistemi ta' l-ICT minn individwi u/jew fil-familji

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-familji kollha:

— aċċess għal strumenti ta' l-ICT fid-dar: kompjuter.

— aċċess għall-Internet fid-dar, sew jekk jintuża sew jekk le.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal familji b'aċċess għall-Internet fid-dar:

— strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: kompjuter fiss.

— strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: kompjuter mobbli.

— strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: Sett tat-TV bi strument speċifiku ta' l-Internet.

— strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: *console* għall-logħob.

— strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: mezzi oħra (mhux obbligatorju: agħti rapport separat jekk permezz ta' mowbajl li għandu l-internet jew permezz ta' kompjuter ta' l-id).

— tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: modem jew ISDN.

— tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: DSL (eż. ADSL, SHDSL, eċċ.).

— tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: konnessjoni oħra *broadband* (eż. kejbil, UMTS, eċċ).

— tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet fid-dar: mowbajl fuq in-*narrowband* (GPRS, eċċ.).

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi kollha:

— l-aktar użu riċenti tal-kompjuter (dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma uża kompjuter).

— użu ta' mowbajl.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi kollha, għajr għal persuni rtirati:

— awtovalutazzjoni ta' kemm il-ħiliet individwali fuq il-kompjuter huma suffiċjenti jekk huwa/hija jixtieq/tixtieq ifittex/tfittex xogħol jew isib/issib xogħol ieħor fi żmien sena (iva; le; mhux applikabbli).

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu użaw kompjuter dan l-aħħar tliet xhur:

— frekwenza ta' użu tal-kompjuter (kuljum jew kważi kuljum; ta' l-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); ta' l-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar)

— fejn intuża l-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar.

— fejn intuża l-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol normali (għajr fid-dar).

— fejn intuża l-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur: fejn isir it-tagħlim.

— fejn intuża l-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ta' persuna oħra.

— fejn intuża l-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'postijiet oħra.

Użu ta' l-Internet għal għanijiet differenti minn individwi u/jew fil-familji

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi kollha:

— l-aktar użu riċenti ta' l-Internet (dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma uża l-Internet).

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li diġà jkunu użaw l-Internet:

— l-aktar attività ta' kummerċ bl-Internet riċenti għal użu privat (dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma sar xiri jew ordni).

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet dan l-aħħar tliet xhur:

— frekwenza ta' l-użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (kuljum jew kważi kuljum; ta' l-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); ta' l-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar).

— fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar.

— fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr fid-dar).

— fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fejn isir it-tagħlim.

— fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ta' persuna oħra.

— fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'postijiet oħra (mhux obbligatorju: rapport għalih għal librerija pubblika; uffiċċju tal-posta; uffiċċju pubbliku, kunsill jew aġenzija tal-gvern; għaqda tal-komunità jew volontarja; *Internet café*; *hotspot*).

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet: mowbajl permezz tal-GPRS.

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet: mowbajl permezz tal-UMTS (3G).

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet: kompjuter ta' l-id (palmtop, PDA).

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet: kompjuter mobbli (laptop) permezz ta' konnessjoni bla wajers 'il bogħod mid-dar jew il-post tax-xogħol.

— Użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jibgħat u/jew jirċievi e-mail.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed iċempel minn fuq l-Internet.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati għal attivitajiet oħra ta' komunikazzjoni (użu ta' *chat sites, messenger,* eċċ.).

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed isib tagħrif dwar prodotti u servizzi.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed juża servizzi marbuta ma' l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jisma' r-radju jew jara t-televixin fuq il-web.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jilgħab jew jiddawnlowdja l-logħob, l-istampi, il-films jew il-mużika.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jiddawnlowdja s-software..

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jaqra jew jiddawnlowdja gazzetti u rivisti ta' l-aħbarijiet *online*.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex xogħol jew jibgħat applikazzjoni għal xogħol.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif marbut mas-saħħa.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif jew servizz *online* ieħor.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed juża servizzi bankarji fuq l-Internet.

— (mhux obbligatorju) Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal bejgħ ta' prodotti jew servizzi.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jikseb tagħrif minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jiddawnlowdja formoli uffiċjali minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif dwar l-edukazzjoni, offerti ta' taħriġ jew korsijiet.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jagħmel kors *online* (fi kwalunkwe suġġett).

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jikkonsulta l-Internet bl-għan ta' tagħlim.

— Parteċipazzjoni f'kors (kwalunkwe taħriġ, mhux biss taħriġ fil-kompjuter jew fl-Internet, inklużi skejjel jew universitajiet) f'dawn l-aħħar 3 xhur.

— Interess f'użu akbar ta' l-Internet.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex jaqraw jew jiddawnlowdjaw gazzetti u rivisti ta' l-aħbarijiet *online*:

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jaqra jew jiddawnlowdja gazzetti u rivisti ta' l-aħbarijiet *online* li l-individwu jkun abbona fihom biex jircevihom b'mod regolari.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur u li jkunu pparteċipaw f'kors f'dawn l-aħħar 3 xhur:

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal riċerka bħala parti minn kors ta' taħriġ jew mill-edukazzjoni ta' dan l-individwu.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għall-iskambju ta' messaġġi marbuta mal-kors ma' studenti oħra.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għall-iddawlowdjar ta' materjal ta' tagħlim li kien ipprovdut *online*.

— Użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur biex wieħed jara kemm hu disponibbli xi ktieb jew artikolu għall-kors f'librerija.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet għal attivitajiet ta' kummerċ fuq l-Internet dan l-aħħar tnax-il xahar:

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' ikel jew oġġetti ta' l-ikel minn ħanut tal-merċa.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' oġġetti tad-dar.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' films jew mużika (jintbagħat rapport għalih: jekk ġiex ikkunsinjat *online*).

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' kotba, rivisti, gazzetti jew materjal ta' tagħlim b'mod elettroniku (jintbagħat rapport għalih: jekk ġiex ikkunsinjat *online*).

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' ħwejjeġ ta' l-ilbies jew prodotti ta' l-isport.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' softwer u apgrejds ta' kompjuter (jintbagħat rapport għalih: jekk ġiex ikkunsinjat *online*).

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' ħardwer ta' komputer.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' tagħmir elettroniku.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' xiri ta' ishma, servizzi finanzjarji jew assigurazzjoni.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' alloġġ għall-btala jew minħabba ivvjaġġar.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' biljetti għal xi avvenimenti.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' lotteriji jew għal imħatri.

— Użu ta' l-Internet biex issir ordni ta' oġġetti jew servizzi oħra.

Sigurtà fl-ICT

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet dan l-aħħar tliet xhur:

— l-itfaċċar ta' virus tal-kompjuter b'konsegwenza ta' telf ta' informazzjoni jew ħin minħabba l-użu ta' l-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar.

— il-frekwenza li biha wieħed jagħmel kopji għas-serħan il-moħħ jew fajls ta' *back-up* (dokumenti, stampi, eċċ.) mill-kompjuter għal, pereżempju, diskett, CD jew spazju fuq ħarddisk ta' Internet servers (dejjem jew kważi dejjem; xi kultant; qatt jew kważi qatt; mhux applikabbli għax l-individwu ma jżommx fajls fuq kompjuter).

Kompetenza fl-ICT

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjuter:

— l-aktar kors ta' taħriġ riċenti ta' mill-inqas tliet sigħat dwar kwalunkwe aspett ta' l-użu tal-kompjuter (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; bejn sena u tliet snin ilu; aktar minn tliet snin ilu; qatt ma segwew kors wieħed).

— ħiliet fil-kompjuter ta' kkuppjar jew ċaqliq ta' fajl jew fowlder.

— ħiliet fil-kompjuter għall-użu ta' l-għodda ta' kkuppjar u ppejstjar jew ċaqliq ta' informazzjoni fi ħdan dokument.

— ħiliet fil-kompjuter għall-użu ta' formoli ta' aritmetika bażiċi ġewwa *spreadshee*t.

— ħiliet fil-kompjuter għall-ikkompressar (jew iżżippjar) ta' fajls.

— ħiliet fil-kompjuter għall-konnessjoni jew installazzjoni ta' strumenti ġodda, eż. printer jew modem.

— ħiliet fil-kompjuter fil-kitba ta' programmi tal-kompjuter bl-użu ta' lingwa ta' pprogrammar speċjalizzata.

— ħiliet fil-kompjuter biex wieħed jikkonnettja kompjuter ma' *local area network*.

— ħiliet fil-kompjuter biex wieħed isib u jsolvi problemi fil-kompjuter (eż. il-kompjuter jaħdem bil-mod wisq).

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw l-Internet:

— Ħiliet fl-Internet fl-użu ta' magni ta' tiftix biex tinstab l-informazzjoni.

— Ħiliet fl-Internet biex wieħed jibgħat *e-mails* b'fajls mehmuża magħhom.

— Ħiliet fl-Internet fl-ippustjar ta' messaġġi lil *chat rooms*, gruppi ta' diskussjoni jew forums ta' diskussjoni *online*.

— Ħiliet fl-Internet biex wieħed juża l-Internet biex jagħmel telefonati.

— Ħiliet fl-Internet għall-użu ta' *peer-to-peer file sharing* għall-iskambju ta' films, mużika, eċċ.

— Ħiliet fl-Internet għall-ħolqien ta' paġna web.

— Ħiliet fl-Internet għat-tfittxija, l-iddawnlowdjar u l-installazzjoni ta' softwer.

— Ħiliet fl-Internet biex wieħed iżomm 'il bogħod mill-kompjuter il-*viruses*, l-*ispyware* u l-*adware*.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li għandhom ħila jew ħiliet fil-kompjuter jew fl-Internet:

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: istituzzjoni edukattiva formalizzata

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: korsijiet ta' taħriġ f'ċentru ta' edukazzjoni għall-adulti (iżda mhux fuq l-inizjattiva ta' min jimpjega)

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali (fuq talba ta' min jimpjega)

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: studju mingħajr għalliem bl-użu ta' kotba, CD-ROMs, eċċ.

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: studju mingħajr għalliem fis-sens ta' li wieħed jitgħallem billi jipprova

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: għajnuna mhux formali minn kollegi, qraba, ħbieb

— mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: oħrajn.

Xkiel għall-użu ta' l-ICT u l-Internet.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għal familji b'aċċess għall-Internet fid-dar, iżda mhux permezz ta' kollegament *broadband*:

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-Internet permezz ta' *broadband*: għali wisq,

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-Internet permezz ta' *broadband*: ebda ħtieġa,

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-Internet permezz ta' *broadband*: ma jinstabx fiż-żona tiegħi,

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-Internet permezz ta' *broadband*: għandi aċċess *broadband* band'oħra (eż. fuq ix-xogħol),

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-Internet permezz ta' *broadband*: ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, iżda raġunijiet oħrajn.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għal individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur u li jridu jagħmlu aktar użu mill-Internet:

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: il-ħiliet fl-ilsna barranin mhumiex ta' livell.

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: nuqqas ta' ħin.

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: il-kollegament huwa wisq bil-mod.

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: spejjeż addizzjonali ta' kollegament jew iddawnlowdjar skond il-volum.

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: spejjeż tal-materjal li jinkiseb *online*.

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: materjal (dak li hemm mhux interessanti biżżejjed biex wieħed juża aktar l-Internet).

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: nuqqas ta' ħiliet jew għarfien (p.eż. is-siti mhumiex faċli biżżejjed għall-użu jew ikkomplikati wisq).

— xkiel għal aktar użu intensiv ta' l-Internet: tħassib dwar sigurtà jew privatezza.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjuter iżda li qatt ma jkunu ħadu xi kors (ta' mill-anqas tliet sigħat) dwar kwalunkwe aspett ta' l-użu tal-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet snin:

— ostakoli għal biex wieħed jieħu kors dwar l-użu tal-kompjuter: ebda ħtieġa ta' kors minħabba li wieħed ikollu biżżejjed ħiliet fil-kompjuter.

— ostakoli għal biex wieħed jieħu kors dwar l-użu tal-kompjuter: ebda ħtieġa ta' kors minħabba li l-individwu bilkemm juża l-kompjuter.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjuter iżda li qatt ma jkunu ħadu xi kors (ta' mill-anqas tliet sigħat) dwar kwalunkwe aspett ta' l-użu tal-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet snin iżda li jista' jkun li jeħtieġu kors:

— ostakoli għal biex wieħed jieħu kors dwar l-użu tal-kompjuter: nuqqas ta' ħin.

— ostakoli għal biex wieħed jieħu kors dwar l-użu tal-kompjuter: spejjeż tal-kors.

— ostakoli għal biex wieħed jieħu kors dwar l-użu tal-kompjuter: ebda kors xieraq mhu disponibbli.

— ostakoli għal biex wieħed jieħu kors dwar l-użu tal-kompjuter: il-korsijiet huma tqal wisq.

2. **KOPERTURA**

(a) L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw id-djar huma djar li fihom ta' l-anqas membru wieħed fil-grupp ta' età minn 16 sa 74.

(b) L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw l-individwi huma l-individwi ta' età minn 16 sa 74.

(ċ) L-ambitu ġeografiku għandu jkopri djar u/jew individwi li jkunu jgħixu fi kwalunkwe parti tat-territorju ta' l-Istat Membru.

3. **PERJODU TA' REFERENZA**

Il-perjodu ta' referenza għall-istatistika li trid tinġabar huwa l-ewwel kwart ta' l-2007.

4. **TQASSIM**

(a) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu maddjar, għandom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:

— Lokazzjoni ġeografika: għixien f'reġjuni ta' Objettiv 1 (inklużi reġjuni Objettiv 1 tranżizzjonali jew ta' tneħħija gradwali); għixien f'reġjuni oħra.

— Grad ta' urbanizzazzjoni: għixien f'zoni ta' popolazzjoni densa; għixien f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; għixien f'żoni ta' popolazzjoni skarsa;

— Tip ta' familja: numru ta' membri fil-familja (jinġabar separatament: numru ta' tfal taħt is-16).

— (mhux obbligatorju) Dħul nett fix-xahar tal-familja (jinġabar bħala valur jew bl-użu tal-kwartili).

(b) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu ma' l-individwi, għandhom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:

— Lokazzjoni ġeografika: għixien f'reġjuni ta' Objettiv 1 (inklużi reġjuni Objettiv 1 tranżitorju jew ta' tneħħija gradwali); għixien f'reġjuni oħra.

— Grad ta' urbanizzazzjoni: għixien f'żoni ta' popolazzjoni densa; għixien f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; għixien f'żoni ta' popolazzjoni skarsa;

— Sess: raġel; mara.

— Grupp ta' età: taħt is-16 (mhux obbligatorju); 16 sa 24; 25 sa 34; 35 sa 44; 45 sa 54; 55 sa 64; 65 sa 74; 'l fuq minn 74 (mhux obligatorju).

— L-ogħla livell ta' edukazzjoni miksub skond il-Klassifika ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Livelli ta' Edukazzjoni (ISCED 97): baxx (ISCED 0, 1 jew 2); medju (ISCED 3 jew 4); għoli (ISCED 5 jew 6);

— Sitwazzjoni ta' l-impjieg: impjegat jew xogħol awtonomu inklużi dawk li jaħdmu ma' familji; bla xogħol; studenti li mhumiex fil-forza tax-xogħol; oħrajn li mhumiex fil-forza tax-xogħol.

— Impjieg skond il-Klassifika ta' l-Istandards ta' l-Impjiegi Internazzjonali (ISCO-88(COM)): ħaddiema ta' l-id, ħaddiema mhux ta' l-id; ħaddiema ta' l-ICT, ħaddiema mhux ta' l-ICT.

5. **PERJODIĊITÀ**

Id-*data* għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2007.

6. **SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI TAR-RIŻULTATI**

(a) Id-*data* aggregata, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jintbagħtu lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2007. Sa dik id-data, il-ġabra ta' *data* għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jkun skond l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Eurostat.

(b) Il-*metadata* msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jintbagħtu lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2007. Il-*metadata* għandha tkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovduti mill-Eurostat.

(ċ) Ir-rapport dwar il-kwalità msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jintbagħat lill-Eurostat sal-5 ta' Novembru 2007. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovdut mill-Eurostat.